MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 293/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**

**Emanuel Gauci**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli talli f' dawn il-Gzejjer, fit- 23 ta' April 2001, u matul l-ahhar xhur qabel dina d-data:-**

**a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f' dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il- Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra id- dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar**

**il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazjoni.**

**b) Importa, jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f' Malta, hlief skond id- dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal- Ordinanza, Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill- persuni/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d- droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal- 1939, ghall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif susegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**d) Kellu fil-pusess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza, Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas–6 taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimanifattura jew li jforni droga msemmija u ma kienx b' xi mod iehor, bil-licenzja mill- President ta' Malta li jkollu fil-pusess**

**tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939, dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif susegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**e) Bhala *-omissis-* , ircieva jew acetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma' kellux jedd, u barra milli acetta l-hlas, l-weghda jew l-offerta, kien fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jghamel.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 15A(1), 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(I), l-GN 292 tal-1939, regolamenti 4 u 9 u l-artikolu 17(H) tal-Kap. 9, ma sabitx lill-appellant hati tal-akkuza (e), izda sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, tat-tielet u r-raba' akkuza, w ikkundannatu hames (5) snin prigunerija w multa ta' tlett elef lira Maltija (LM3000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 t'Ottubru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha 1) tiddikjara li s-sentenza appellata mhijiex ezegwibbli fil-konfront tal-esponent u ma tikkostitwixxi l-ebda stat fil-konfront tieghu; 2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba w fl-eventwalita li din l-ewwel talba tigi michuda, tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-hames akkuza, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel erba akkuzi w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w fl-eventwalita li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu, tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma :-1. li, preliminarjament is-sentenza tal-Ewwel Qorti mhix ezegwibbli fil-konfront tieghu w ma tikkostitwixxi ebda stat fil-konfront tieghu ghaliex hu ma jismhux ”Emmanuel” izda “Emanuel” u dan skond kif jirrizulta ukoll mic-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol. 15 (Dok.NH18) u kif ukoll mill-isem moghti mill-istess appellant fil-kors tal-ezami a folio 10. Is-sentenza fl-okkju tirriferi ghall-“Emmanuel” u mhux “Emanuel” kif effettivament jismu l-appellant. 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi w konsegwentement apprezzament kompletament zbaljat u irragjonevoli tal-provi meta ghazlet li tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien jaf li l-ewwel pakkett/parcel kien fih id-droga meta, mir-rizultanzi processwali, tali konkluzzjoni qatt ma setghet la legalment u wisq inqas ragonevolment tasal ghaliha. Illi kien hemm nuqqas ta’ kjarezza ta’ hsieb li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u dan hu rifless f’ siltiet ohra tas-sentenza appellata. Meta l-corpus delicti ma nstabx, kif seta’ jigi spjegat li l-Ewwel Qorti attribwiet htija lil-appellant ghaz-zewg *parcels*? Illi meta ddikjarat li ma hemmx htija fuq il-hames akkuza l-Ewwel Qorti strahet fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti ghax qatt ma setghet tinstab htija fuq din l-imputazzjhoni ghax kien karenti l-element tal-accettazzjoni kontemporanjament mall-hlas. Kien hemm ukoll karenza totali ta’ provi li jindikaw li l-appellant kien jaf li f’ dan l-ewwel parcel kien hemm xi droga. Illi lanqas sethet tinstab htija tal-ewwel imputazzjoni ghax ma rrizultax li Anthony Gatt u l-appellant kellhom “*the intention to deal in drugs”* u li ftehmu fuq pjan ta’azzjoni. Illi lanqas ma tirrrizulta t-tieni imputazzjoni, dan apparti konsiderazzjonijiet dwar l-artikolu 17(h) ghaliex *dato ma non concesso* li f’ tali *parcel* kien hemm id-droga, tali droga mhux diga kienet giet imputrata hawn Malta? Ghalhekk is-sejbien ta’ htija kien wiehed *“unsafe and unsatisfactory”* u f’ dan il-kaz ihalli ferm izjed minn “*a lurking doubt”* fuq il-kolpevoloezza tal-appellant. 3. Illi l-piena nflitta**

**kienet b'kull mod esagerata ghaliex l-Ewwel Qorti lanqas biss ma hadet in konsiderazzjoni t-tnaqqis fil-piena kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 meta l-prosekuzzjoini stess iddikjarat li dan kien applikabbli fil-kors tat-trattazzjoni li saret. Inoltre kien applikabbli l-artikolu 17(h) u l-Qorti applikat l-artikolu 17(b) u l-appellant kellu fedina penali netta.**

**Rat ir-rikors tal-appellant tat-8 ta' Novembru, 2005 fejn l-appellant talab li din il-Qorti li taghti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa w opportuni dwar l-applikabilita' o meno f' dawn il-proceduri ta' dak dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-proceduri fl-ismijiet "**The Republic of Malta vs. Gregory Robert Eyre and Susan Jane Molineaux **" deciz fl-1 t' April, 2004;**

Rat id-Digriet Taghha tad-9 ta' Novembru, 2005, li bih iddeciediet li jkun opportun li l-punt sollevat fir-rikors jigi trattat seduta stante fis-seduta tal-ghada 10 ta' Novembru, 2005.

**Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2005 li bih il-partijiet qablu li b' riferenza ghar-rikors fuq imsemmi tat-8 ta' Novembru, 2005, li l-materja fih imsemmija tifforma parti mill-mertu tat-trattazzjoni tal-appell u ghalhekk il-Qorti m' hemmx ghalfejn li tippronunzja ruha fuq dak ir-rikors. Ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors .**

**Rat il-verbal tal-istess seduta li bih din il-Qorti awtorizzat lill-appellant li jesebixxi certifiikat shih tat-twelid tieghu.**

**Rat ic-certifikat shih tal-Att tat-Twelid tal-appellant esebit mid-difensur tal-appellant seduta stante .**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni .**

**Rat ir-rikors tal-appellant tal-15 ta' Dicembru, 2005 fejn talab li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.;**

**Rat id-Digriet taghha tas-16 ta' Dicembru, 2005;**

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-20 ta' Dicembru, 2005;**

**Rat id-Digriet taghha tat-22 ta' Dicembru, 2005, li bih , stante li r-risposta tal-Avukat Generali kienet wahda telegrafika li ma tiftiehemx car, laqghet it-talba kontenuta fir-rikors u ordnat in-notifika tal-istess Nota lill-Avukat Generali bi tmint (8) ijiem zmien ghar-risposta.**

**Rat l-istess Nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant tal-15 ta' Dicembru, 2005, fejn, in succinto, hu ssottometta li l-ezistenza tas-sentenza miktuba bl-idejn ingabet a konjizzjoni tieghu biss fil-jum tas-smiegh tal-appell ghax dak in-nhar li l-Ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza taghha hu kien inghata kopja tas-sentenza dattilografata u kien a bazi ta' din li hu nterpona l-appell odjern, Illi meta hu fela' s-sentenza miktuba, sab li l-isem u l-kunjom huma kompletament indecifrabbli. Ghalhekk is-sentenza miktuba bl-ebda mod ma tissana dak indikat fl-okkju tas-sentenza dattilografata. Li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tipprova tiddecifra dak miktub specjalment meta dan mhuwiex decifrabbi w specjalment meta s-sentenza dattilografata tinsab fil-process kif ukoll meta jitqies li lill-appellant inghatat kopja tas-sentenza dattilografata. Illi l-appellant ma ghandu jbaghti ebda pregudizzju tenut kont tal-fatt li hu appella a bazi ta' sentenza lilu moghtija seduta stante u li tinsab inserita fil-process, u dan stante li l-gurisprudenza stabiliet li r-rikors tal-appell ghandu jigi prezentat bl-istess isem indikat fl-okkju tal-kawza. Kieku hu pprezenta l-appell a bazi tal-isem kif indiikat fl-okkju tas-sentenza miktuba kien ikun pratikament impossibbli ghalih sabiex jaghmel dan proprju ghaliex l-isem miktub u kif miktub jaghti lok ghal pluralita' ta'**

**varjazzjonijiet u possibilitajiet fil-mod ta' kif inhu spellut.**

**Rat it-tieni risposta tal-Avukat Generali tat-28 ta' Dicembru, 2005 , li biha qal li s-sentenza originali kienet korretta waqt li kien hemm zball fil-kopja li kellu l-appellant. Li kien ovvju li s-sentenza originali tipprevali. Illi jidher car li kien hemm zball marginali meta s-sentenza giet ittajpjatha . Illi certament dan pero' bl-ebda mod ma kellu jirrendi l-istess sentenza nulla. L-appellant kien jaf li s-sentenza tirriferi ghalih u mhux ghall-persuna ohra. Ghalhekk ma hemm ebda nullita' ghax il-versjoni originali tas-sentenza ghandha tipprevali fuq kull wahda sussegwenti li talvolta ssir tal-original ghax l-izball ikun sar fil-kopja.**

**Rat id-Digriet taghha tad-29 ta' Novembru, 2005;**

**Rat ir-risposta ulterjuiri tal-appellant tal-4 ta' Jannar, 2006, li biha ssottometta li l-Avukat Generali ma fehemx l-import tan-nota tas-sottomissjonijiet originali tieghu. F' dik in-nota tieghu l-appellant kien irrileva illi s-sentenza miktuba bl-idejn mhux biss mhijiex korretta izda, se mai, ssahhah it-tezi tieghu kif kontenuta fl-ewwel aggravju tar-rikors tieghu . Dan ghaliex kemm l-isem kif ukoll il-kunjom indikat fl-okkju huma miktubin b' mod li zgur ma jiriflettux il-mod kif l-isem u l-kunjom huma riflessi fic-certifikat tat-twelid. Allura jekk is-sentenza originali tipprevali, kif jikkontendi l-Avukat Generali, l-ewwel aggravju tal-appellant huwa doppjament imsahhah. Illi din mhux kwistjoni ta' nullita' kif qed isemmi l-Avukat Generali, izda punt ta' dritt stabilit b' gurisprudenza kostanti li saret riferenza ghaliha kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll fit-trattazzjoni tal-istess. Il-punt huwa li tali zball fl-isem jissarraf fil-fatt li dik is-sentenza ma tikkostitwixxi ebda stat fil-konfront tieghu.**

**Ikkonsidrat;**

Illi hu ovvju w opportun li din il-Qorti ghandha tikkonsidra qabel xejn l-ewwel aggravju dwar li s-sentenza appellata

mhix esegwibbli fil-konfront tal-appellant u li ma tikkostitwixxi ebda stat fil-konfront tieghu .

**Illi mill-Att tat-Twelid esebit fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2005 , jirizulta indubbjament li l-ismijiet li nghataw lill-appellant huma** "EMANUEL**, ANTHONY , DOMENIC" u lil-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha gie indikat ukoll bhala "**EMANUEL" **u cioe'** "M" wahda. **Hekk ukoll gie indikat isem l-appellant fic-certifikat tat-twelid abbrevjat esebit mall-prezentata tieghu quddiem l-Ewwel Qorti fil-bidu tal-kumpilazzjoni (fol. 15) u hekk ukoll gie indikat fil-prezentata (fol. 1). Baqa' jigi indikat b' "M" wahda tul il-kors tal-process, kemm fit-twegibiet ghall-mistoqsijiet li sarulu skond l-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali fit-28 t' April, 2001(Fol. 10) , fil-kopja tal-fedina penali esebita (Fol. 16), fl-Ordni tal-Avukat Generali skond l-art. 22 (2) tal-Kap 101 a fol. 233 u 234, fin-Nota tal-Avukat Generali fejn indika l-artikoli tal-ligi li tahthom l-Ewwel Qortri setghet sabet htija a tenur tal-art. 370 tal-Kodici Kriminali (fol. 236) kif ukoll *passim* fl-intestatura ta' hafna mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda u fl-okkju ta' hafna mill-verbali. Hu veru wkoll pero' li fl-intestatura ta' uhud mill-verbali quddiem l-Ewwel Qorrti l-appellant gie indikat bhala "E**MM**ANUEL", imma dawn huma ftit u f' atti li strettament lanqas biss ghandhom bzonn intestatura .**

**Illi l-kwistjoni li giet sollevata tohrog mill-fatt li fil-kopja dattilografata tas-sentenza appellata li zewg kopji taghha jinsabu nseriti fil-process wara xulxin a fols. 481 sa 491 u a fols. 492 sa 501 tal-process, l-ewwel isem tal-appellant gie indikat bhala "EMMANUEL" kif ukoll gie hekk indikat fl-okkju tal-verbal u digriet tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza a fol. 502 u fl-obbligazzjoni tal-garanzija ffirmata mill-appellant a fol. 503. Iz-zewg kopji dattilografati tas-sentenza jgibu l-firma tad-Deputat Registratur, Mario Mifsud B.A.,D.L.I.S fuq kull pagna w l-kopja tas-sentenza a fols. 492 sa 501 tal-**

**process iggib ukoll il-firma tal-Magistrat Dr. Joseph Cassar fl-ahhar faccata w cioe' a fol. 501 .**

**Pero' hemm ukoll fil-process dik li tidher li hija l-original tas-sentenza u cioe' dik li nkitbet "*di proprio pugno*" mill-istess Magistrat Dr.Joseph Cassar u li tinsab a fols. 469 sa 480 tal-process u li fl-ahhar pagna (fol. 480) ukoll iggib il-firma tal-istess Magistrat.**

**Ikkonsidrat;**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, gie x' gie ittajpjat minn xi Deputat Registratur jew skrivan tal-awla, hija s-sentenza miktuba mill-Magistrat u minnu iffirmata li tinsab fil-process li f'dan il-kaz ghandha titqies bhala l-original u li konsegwentement ghandha tipprevali w li l-kopja dattilografata, sia pure ukoll iffirmata mill-Magistrat , tista' biss titqies bhala kopja ghax ma jistax ikun hemm zewg originali tal-istess att.

**Issa jekk wiehed jezamina sew l-okkju tal-kawza kif miktub mill-Magistrat innifsu, jidher *"ictu oculi"* li hemmhekk l-isem tal-appellant gie indikat b' "M" wahda u mhux tnejn. L-istess il-kunjom "GAUCI" jidher miktub car u ma hemmx bzonn ta' ebda ezercizzju ta' decifrar, kif qed jallega li jrid isir l-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-15 ta' Dicembru, 2005.**

**Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant jidher li hu bla bazi legali ghaliex la fl-original tas-sentenza isem u kunjom l-appellant inkitbu sew u konformement ma dak li jidher fic-certifikati tat-twelid tieghu, ma kif kif deher ismu fil-prezentata tal-kawza, fit-twegibiet li hu ta fil-kors tal-prezentata, kif ukoll kif jidher fl-Ordni u n-nota bl-artikoli tal-Avukat Generali, ma sar xejn irregolari fil-process quddiem l-Ewwel Qorti w s-sentenza originali tidher li bla dubbju tirriferi ghall-appellant bl-isem korrett tieghu.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi pero’, kif jidher li fehem mill-ewwel u anticipa l-abbli difensur tal-appellant, issa li, fuq bazi zbaljata, l-appellant appella b’ okkju zbaljat u b’isem tar-rikorrent zbaljat u cioe’ ”Emmanuel” flok “Emanuel”, dan ser johloqlu ostakolu serju fil-prosegwiment tal-appell tieghu.**

**Di fatti, kif jirrizulta anki mill-gurisprudenza citata minnu stess fir-rikors tal-appell tieghu, una volta li intavola appell b’ okkju li mhux tal-kawza w b’ isem ta’ appellant mhux korrett fl-intestatura tar-rikors tal-appell, dan igib in-nullita’ tal-istess appell. Hekk gie ritenut dejjem f’kazijiet simili. (ara “**Il-Pulizija vs. Charles Camilleri**” [12.10.1978] ,** “Il-Pulizija vs. Dorianne Cassar” **[23.1.2003] u ohrajn.)**

L-appellant jobbjetta li hu m’ ghandux ibaghti pregudizzju minnhabba dan l-izball, una volta li kienet inghatatlu kopja bl-okkju zbaljat (prezumibbilment mid-Deputat Registratur jew xi funzjonarju tal-awla ) dak in-nhar stess tas-sentenza w hu mexa fuqha w li kieku stess mexa fuq is-sentenza miktuba mill-Magistrat “di proprio pugno”, kien ser ikollu problema biex jiddeciedi liema kien l-isem li gie indikat fis-sentenza originali. Pero’ din il-Qorti mhux sodisfatta li dawn id-diffikultajiet kienu insormontabbli bl-ezercizzju ta’ verifika normali mall-original w billi wiehed ma jipprovax jara fil-kitba dak li m’ghandux jara, kieku stess saret tali verifika.

**Fil-fehma ta’ din il-Qorti, una volta li hu ddecieda li bhala wiehed mill-aggravji tal-appell tieghu ser iqajjem il-kwistjoni tal-korrettezza tal-okkju tas-sentenza, kwistjoni li, kif jaf, setghet facilment tirridonda kontra tieghu, l-appellant imissu nsista li jara l-original tas-sentenza w mhux jistrieh fuq kopja dattilografata li tista’ tkun jew ma tkunx preciza. Kieku l-appellant ha hsieb li jaghmel dan u ra s-sentenza l-miktuba, ma kienx ikollu ghalfejn jiddubita dwar il-mod kif inkiteb isem l-appellant w cioe’ li nkiteb b’ “M” wahda w mhux tnejn. Dan kien *self-evident* ghal min ried jara dak li hemm miktub minnflok dak li seta’**

**jimmagina li seta' nkiteb. F' kawza fejn isem u kunjom l-appellant kien ilhom ghal snin shah jinkitbu "Emanuel Gauci", ma kellux jimmagina li qed jara doppja "M" fejn ma tidhirx fl-isem u xi kunjom iehor ghajr il-kunjom "GAUCI" fis-sentenza miktuba tal-Magistrat. Pero', dan jintqal biss ghal grazzja tal-argument, ghaliex kif jistqarr l-istess appellant, din il-verifika bazilari mas-sentenza originali qatt ma saret minnu, qabel interpona l-appell odjern.**

**Din il-Qorti tara li l-argument tal-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li *"kieku huwa kellu jipprezenta rikors tal-appell a bazi tal-isem kif indikat fl-okkju tas-sentenza miktuba bl-idejn kien ikun pratikament impossibbli ghalih sabiex jaghmel dan propju ghaliex l-isem miktiub u kif miktub jaghti lok ghall-pluralita' ta' varjazzjonijiet u possibilitajiet fil-mod ta' kif inhu spellut"*, huwa wiehed stirakkjat ghall-ahhar w hu biss tentattiv biex isalva sitwazzjoni li tista' tghid gab b' idejh hu stess meta mbarka fuq aggravju li ta' spiss jaqta' miz-zewg nahat u fih "*pitfall"* li tohrog mill-istess gurisprudenza minnu nvokata fir-rikors tal-appell.**

**Illi dan lanqas mhu l-kaz ta' xi zball tat-*typing* jew xi *lapsus calami* li – f' xi kazijiet limitati – jista' jigi korreggut, ghaliex l-appellant iddikjara hu stess li kien intavola l-appell bl-isem li kien jaf li hu skorrett biex ikun konformi mall-gurisprudenza f' dawk il-kazijiet fejn ikun hemm appell b' aggravju simili. Ghalhekk kienet decizjoni deliberata din tieghu li jappella b' isem zbaljat biex ikun jista' jivvantaggja ruhu tattikament u proceduralment mill-eccezzjoni li kien qed iressaq – eccezzjoni li pero', kif intqal, ma hix akkolta w per konsegwenza issa, kif jinghid bl-Ingliz :*"He fell between two stools".***

Ghal dawn il-motivi, peress li rrizulta li l-appell gie prezentat b' okkju skorrett w interpost f' isem appellant li ma jikkorrispondix ghall-isem korrett li gie indikat fis-sentenza appellata, tiddikjara l-appell irritu w null u, per

konsegwenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------